# Is-Surmast Ingnazio Catania.

*minn J.L. Vella, Arkivista*

Wieħed mill-ewwel surmastrijiet li kellha l-għaqda tagħna, wara li reġgħet ġiet imwaqqfa fl-1906, bl-isem ta' l-"Annunzjata" kien is-surmast Ignatio Catania. Huwa twieled Bormla fid-29 ta' jannar 1860, bin Ġiljan u Reġina German. Beda jistudja l-mużika mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, fejn ħareġ idoqq il-klarinett.

Fl-1883, fl-età ta' 23 sena beda jgħallem il-mużika lill-istudenti tal-banda Mannarinu taż-Żurrieq u kien ukoll jidderiġi xi programmi. Huwa kien ass. Surmast tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, Direttur tal-Banda Beland, Żejtun, Unione tal-Birgu, De Paule ta' Raħal Ġdid, San Leonardu ta' Ħal Kirkop kif ukoll tal-Banda tagħna.

Sa xi għoxrin sena ilu, dan is-surmast ma tantx kien għadu miftakar fostna tant li lanqas ritratt ma kellna tiegħu. Kont qiegħed nitkellem ma' bandist Żejtuni li kellu fuq is-sebgħin sena u qalli li kien beda jistudja l-kwartin mas-surmast Catania. Mill-mistoqsijiet li għamiltlu, sirt naf li tal-Beland kellhom ritratt tiegħu. Fuq proposta li għamilt fil-Kumitat tlabna permess lill-Banda Beland biex nagħmlu kopja ta' dan ir-ritratt.

Sa fejn konna nafu dan is-surmast kien ħalla biss biċċa mużika tiegħu fil-każin. F'Awissu li għadda meta flimkien mas-surmast Victor Vella, konna qed inħejju l-programm għall-festa ta' Santa Cecilja, issuġġerejt lis-surmast biċċa mużika ta' L.J.Mason jisimha *Grecian Goddess*. Safejn naf jien, din il-mużika, qatt ma kienet indaqqet u qatt ma smajt lil xi ħadd jgħid li semagħha. B'sorprisa għalina fuq l-aħħar paġna sibna Polka ta' Ingnazio Catania bl-isem ta' *Casal Paola*.



Bi ftit logħob u bl-għajnuna tal-komputer ikkupjajna din il-mużika mill-ġdid u daqqejnieha fil-festa ta' Santa Cecilja. Mhux bilfors li l-mużika miktuba dak iż-żmien hi xi kapolavur, iżda din il-mużika għanda importanza storika. Din hi l-mużika li kienu jisimgħu missirijietna, u li għamlet il-baned popolari. Tkun ħaġa sabiħa jekk f'kull programm indaħħlu biċċa mużika simili. Inkunu qegħdin inżommu ħajja tradizzjoni mużikali.

Is-surmast Catania kiteb ukoll innu *Vi Salvi il-Ciel Magnanimi, mazurka San Giorgio a mare, Polka La Rosa, Valsers Otto Dicembre, Spasiment* u *Due Ladri*. Fl-arkivju tagħna minn barra il-polka 'Casal Paola', għandna ukoll Spasimenti, li ma jidherx isem fuqu, u Due Ladri.

Ignazio Catania miet fl-4 t' Awissu 1939, fl-età ta' 79 sena.

Nixtieq niżżi ħajr lil Karmenu Zerafa, ass. P.R.O. tas-Soċjetà Mużikali Santa Katerina V.M. taż-Żurrieq, li għoġbu jgħaddili parti minn dan l-artiklu li kien ippublikat fil-ktieb "Santa Katerina, il-festa u s-soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq", miktub minn Anthony Mangion.




REPAIRS ALL KINDS OF
WASHING MACHINES



**27, NEOLITHIC TEMPLES STREET**
**TARXIEN**
**Tel: 21 693827 • Mob: 99222536**